MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1034/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**RENALD FALZON**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Renald Falzon ta' 37 sena, bin Francis u Maria Concetta xebba Galea, imwieled Bormla, nhar id-9 ta' Lulju 1975, residenti gewwa 31C, Monsignior D'Andrea str Msida, detentur tal-karta tal-identita: 327475M.

Gie akkuzat talli nhar it-12 ta' Settembru 2012 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14:30hrs) gewwa l-istabiliment Tally Weil u fi triq hal Tarxien, Rahal Gdid

ikkommetta serq ta’ 740 € fi flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa u disghin Euros u seba w tletin centezmu (2329.37 Euros) liema serq sar ghad-detriment ta’ Claire Magri mill- Fgura

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JV5 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.
Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li rritorna ir-rifurtiva.
Rat l-artikoli 261 (c), 267 u 279 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Issib lill-imputat Renald Falzon, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li rritorna r-rifurtiva u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Renald Falzon ghall-piena ta’ tmintax (18)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Renald Falzon jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Renald Falzon l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------